

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/378**tal-11 ta' Marzu 2016**

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implementazzjoni fir-rigward tal-waqt, il-format u l-mudell tal-preżentazzjoni tan-notifikasi lill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (ir-Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-obbligi ta' rappurtar u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-entitajiet soġġetti għal dawn l-obbligi, huwa neċċesarju li jiġu allinjati l-obbligi tar-rappurtar skont dan ir-Regolament u skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li għandu jiġi adottat skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾.
- (2) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("European Securities and Markets Authority" — ESMA) jkunu jistgħu jiżguraw il-kwalità tad-dejta u l-monitoraġġ effettiv tas-suq, għall-benefiċċju tal-integrità tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom ikunu jistgħu fil-pront jirċievu notifikasi sħaħ fir-rigward ta' kull jum ta' negozjar.
- (3) Għall-finijiet tal-użu effettiv u effiċċenti tad-dejta mill-awtoritajiet kompetenti, għandu jkun hemm konsistenza fil-mudelli u l-formati użati meta jiġi ppreżentati notifikasi ta' strumenti finanzjarji. L-aderenza mal-istands internazzjonali rilevanti fir-rigward tad-dettalji inklużi f'dawn in-notifikasi tippromwovi dawn l-għanijiet.
- (4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implementazzjoni ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.
- (5) L-ESMA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standard tekniku ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾.
- (6) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw mill-istess data bħal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 596/2014,

⁽¹⁾ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠUL 173, 12.6.2014, p. 84).⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Sa mhux aktar tard mid-21.00 (CET) ta' kull jum li huwa miftuħ għan-negozju, ċentru tan-negozjar għandu, bl-użu ta' proċessi awtomatizzati, jipprovd i l-awtorità kompetenti tiegħu skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, in-notifikasi tal-strumenti finanzjarji kollha li, qabel is-18.00 (CET) dakħinhar, kienu għall-ewwel darba soġġetti għal talba għal ammissjoni għan-negozjar jew li kienu ammessi għan-negozjar jew innegozjati fdak iċ-ċentru tan-negozjar, inkluż fejn ordnijiet jew kwotazzjonijiet tqiegħdu permezz tas-sistema tiegħu, jew waqfu milli jiġu negozjati jew ammessi għan-negozjar fiċ-ċentru tan-negozjar.
2. Notifikasi ta' strumenti finanzjarji li, wara s-18.00 (CET), kienu għall-ewwel darba soġġetti għal talba għal ammissjoni għan-negozjar jew li kienu ammessi għan-negozjar jew innegozjati fiċ-ċentru tan-negozjar, inkluż fejn ordnijiet jew kwotazzjonijiet tqiegħdu permezz tas-sistema tiegħu, jew waqfu milli jkunu nnegozjati jew ammessi għan-negozjar fiċ-ċentru tan-negozjar, għandhom isiru, permezz ta' proċessi awtomatizzati, miċ-ċentru tan-negozjar lill-awtorità kompetenti sa mhux aktar tard mid-21.00 (CET) tal-jum ta' wara dak li fiha huwa jkun miftuħ għan-negozjar.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu n-notifikasi msemmija fil-paragrafi 1 u 2, skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 lill-ESMA kuljum sa mhux aktar tard mill-23.59 (CET) bl-użu ta' proċessi awtomatizzati u kanali ta' komunikazzjoni elettroniċi sikuri bejniethom u l-ESMA.

Artikolu 2

Id-dettalji kollha li għandhom jiġi inklużi fin-notifikasi skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 għandhom ikunu ppreżentati skont l-istards u l-formati speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, fforma elettronika u li tinqara elettronikament u f'mudell komuni XML skont il-metodoloġija tal-ISO 20022.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Jibda japplika mit-3 ta' Lulju 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-istards u l-formati tal-preżentazzjoni tan-notifikasi lill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014

Tabella 1

Tifsira għat-Tabella 3

| SIMBOLU | TIPI TA' DEJTA | DEFINIZZJONI |
|--------------------|---|--|
| {ALPHANUM-n} | Sa n karattri alfanumeriċi | Kaxxa għal test liberu. |
| {CFL_CODE} | 6 karattri | Kodiċi ISO 10962 CFL. |
| {COUNTRYCODE_2} | 2 karattri alfanumeriċi | Kodiċi tal-pajjiż b'2 ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alpha-2. |
| {CURRENCYCODE_3} | 3 karattri alfanumeriċi | Kodiċi tal-pajjiż bi 3 ittri, kif definit mill-kodiċijiet tal-pajjiż ISO 4217. |
| {DATE_TIME_FORMAT} | Il-format tad-data u l-ħin skont l-ISO 8601 | <ul style="list-style-type: none"> — Id-data u l-ħin fil-format li ġej: — SSSS-XX-JJThh:mm:ss.ddddddZ. — “SSSS” hija s-sena; — “XX” huwa x-xahar; — “JJ” huwa l-jum; — “T” — tfisser li l-ittra “T” għandha tintuża — “hh” hija s-siegħa; — “mm” hija l-minuta; — “ss.ddddddd” hija s-sekonda u l-frazzjoni ta' sekonda; — Z huwa l-ħin UTC. <p>Id-dati u l-ħinijiet għandhom jiġu rrap-purtati f'UTC.</p> |
| {DATEFORMAT} | Il-format tad-data skont l-ISO 8601 | <p>Id-dati għandhom jiġu fformattjati skont il-format li ġej: SSSS-XX-JJ.</p> |
| {DECIMAL-n/m} | Numru deċimali sa n-ċifra b'kollo li minnhom sa m-ċifra jistgħu jkunu ċifri ta' frazzjonijiet | <p>Kaxxa numerika kemm għal valuri pożittivi kif ukoll għal dawk negattivi.</p> <ul style="list-style-type: none"> — is-separatur deċimali huwa “.” (punt); — iċ-ċifri negattivi huma prefissi b“-” (minus); <p>Il-valuri huma arrotondati u mhux maqtugħha.</p> |

| SIMBOLU | TIPI TA' DEJTA | DEFINIZZJONI |
|-------------|--------------------------------|---|
| {INDEX} | 4 karattri alfabetiċi | <p>“EONA” — EONIA “EONS” — EONIA SWAP “EURI” — EURIBOR “EUUS” — EURODOLLAR “EUCH” — EuroSwiss “GCFR” — GCF REPO “ISDA” — ISDAFIX “LIBI” — LIBID “LIBO” — LIBOR “MAAA” — Muni AAA “PFAN” — Pfandbriefe “TIBO” — TIBOR “STBO” — STIBOR “BBSW” — BBSW “JIBA” — JIBAR “BUBO” — BUBOR “CDOR” — CDOR “CIBO” — CIBOR “MOSP” — MOSPRIM “NIBO” — NIBOR “PRBO” — PRIBOR “TLBO” — TELBOR “WIBO” — WIBOR “TREA” — Treasury “SWAP” — SWAP “FUSW” — Swap tal-futuri </p> |
| {INTEGER-n} | Numru sħiħ sa n ċifra b'kollox | Kaxxa numerika kemm għal valuri pożittivi kif ukoll għal dawk negattivi ta' numri sħaħ |
| {ISIN} | 12 karattri alfanumeriċi | Kodiċi ISIN, kif definit f'ISO 6166. |
| {LEI} | 20 karattri alfanumeriċi | Identifikatur tal-entità ġuridika kif definit f'ISO 17442. |
| {MIC} | 4 karattri alfanumeriċi | Identifikatur tas-suq kif definit f'ISO 10383. |
| {FISM} | 35 karattri alfanumeriċi | Kodiċi FISM, kif definit f'ISO 18774. |

Tabella 2

Il-klassifikazzjoni tas-swieq tal-prodotti bażiċi u tad-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet għal Tabella 3 (kaxxi 35-37)

| Prodott bażi | Prodott sekondarju | Prodott sekondarju ieħor |
|-------------------|--------------------------------------|---|
| “AGRI” — Agrikolu | “GROS” — Ċereali u żrieragħ taż-żejt | “FWHT” — Qamħ tal-għalf “SOYB” — Fażola tas-sojja “CORN” — Qamħirrun “RPSD” — Żerriegħha tal-kolza “RICE” — Ross “OTHR” — Oħrajn |
| | “SOFT” — Softs | “CCOA” — Kawkaw “ROBU” — Kafè robusta “WHSG” — Zokkor abjad “BRWN” — Zokkor mhux raffinat “OTHR” — Oħrajn |
| | “POTA” — Patata | |
| | “OOLI” — Żejt taż-żebuga | “LAMP” — Lampante |
| | “DIRY” — Prodotti tal-ħalib | |
| | “FRST” — Forestrija | |
| | “SEAF” — Frott tal-baħar | |
| | “LSTK” — Bhejjem | |
| | “GRIN” — Ċereali | “MWHT” — Qamħ għat-Thin |
| “NRGY” — Enerġija | “ELEC” — Elettriku | “BSLD” — Karga bażika “FITR” — Drittijiet Finanzjarju ta' Traż-missjoni “PKLD” — Karga massima “OFFP” — Sigħat kwieti “OTHR” — Oħrajn |
| | “NGAS” — Gass naturali | “GASP” — GASPOOL “LNGG” — LNG “NBPG” — NBP “NCGG” — NCG “TTFG” — TTF |

| Prodott bażi | Prodott sekondarju | Prodott sekondarju ieħor |
|---------------------|---|--|
| | “OILP” — Żejt | “BAKK” — Bakken “BDSL” — Bijodiżil “BRNT” — Brent “BRNX” — Brent NX “CNDA” — Kanadiż “COND” — Ikkondensat “DSEL” — Diżil “DUBA” — Dubaj “ESPO” — ESPO “ETHA” — Etanol “FUEL” — Fjuwil “FOIL” — Żejt tal-fjuwil “GOIL” — Żejt tal-gass “GSLN” — Petrol “HEAT” — Żejt tat-tiħin “JTFI” — Fjuwil tal-ġettijiet “KERO” — Pitrolju “LLSO” — Light Louisiana Sweet (LLS) “MARS” — Mars “NAPH” — Nafta “NGLO” — NGL “TAPI” — Tapis “URAL” — Urali “WTIO” — WTI |
| | “COAL” — Faħam “INRG” — Inter Enerġija “RNNG” — Enerġija rinnovabbli “LGHT” — Petrol ħafif tal-ewwel distillazzjoni “DIST” — Distillati | |
| “ENVR” — Ambjentali | “EMIS” — Emissjonijiet | “CERE” — CER “ERUE” — ERU “EUAЕ” — EUA “EUAA” — EUAA “OTHR” — Oħrajn |
| | “WTHR” — Temp “CRBR” — Relatat mal-karbonju | |

| Prodott bażi | Prodott sekondarju | Prodott sekondarju ieħor |
|---------------------------------------|--|---|
| “FRGT” — Merkanzija | “WETF” — Likwidu | “TNKR” — Tankers |
| | “DRYF” — Solidu | “DBCR” — Bastimenti ta' merkanzija solida fi kwantità |
| | “CSHP” — Bastimenti tal-kontejners | |
| “FRTL” — Fertilizzant | “AMMO” — Ammonja “DAPH” -DAP (Fosfat tad-diammonju) “PTSH” — Potassa “SLPH” — Kubrit “UREA” — Urea “UAAN” — UAN (urea u nitrat tal-ammonju) | |
| “INDP” — Prodotti industrijali | “CSTR” — Kostruzzjoni “MFTG” — Manifattura | |
| “METL” — Metalli | “NPRM” — Mhux prezzjuż | “ALUM” — Aluminju “ALUA” — Liga tal-aluminju “CBLT” — Kobalt “COPR” — Ram “IRON” — Mineral tal-ħadid “LEAD” — Ċomb “MOLY” — Molibdenu “NASC” — NASAAC “NICK” — Nikil “STEL” — Azzar “TINN” — Landa “ZINC” — Żingu “OTHR” — Oħrajn |
| | “PRME” — Prezzjuż | “GOLD” — Deheb “SLVR” — Fidda “PTNM” — Platinu “PLDM” — Palladju “OTHR” — Oħrajn |
| “MCEX” — Komoditajiet varjati eżotiċi | | |
| “PAPR” — Karta | “CBRD” — Kartun tal-kontenituri “NSPT” — Karta tal-gazzetti “PULP” — Polpa “RCVP” — Karta rkuprata | |

| Prodott bażi | Prodott sekondarju | Prodott sekondarju ieħor |
|---|---|--------------------------|
| “POLY” — Polipropilen | “PLST” — Plastik | |
| “INFL” — Inflazzjoni | | |
| “OEST” — Statistika ekonomika uffiċjali | | |
| “OTHC” — Oħrajn C10 kif definit fit-Tabella 10.1 Taqsima 10 tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negozjar u ditti ta' investimenti fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi. | “DLVR” — Konsenjabbli “NDLV” — Mhux konsenjabbli | |
| “OTHR” — Oħrajn | | |

Tabella 3

Formati u standards li għandhom jintużaw fin-notifikasi li jintbagħtu skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014

| N. | KAXXA | L-ISTANDARDS U L-FORMATI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RAPPURTAR |
|----|-------|--|
|----|-------|--|

Kaxxi Ġenerali

| | | |
|---|--|------------------------------|
| 1 | Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument | {ISIN} |
| 2 | Isem sħiħ tal-istrument | {ALPHANUM-350} |
| 3 | Klassifikazzjoni tal-istrument | {CFI_CODE} |
| 4 | Indikatur tad-derivattivi tal-komoditajiet | “true” — Iva “false” — Le |

Kaxxi relatati mal-emittenti

| | | |
|---|--|-------|
| 5 | Identifikatur tal-emittenti jew l-operatur taċ-ċentru tan-negozjar | {LEI} |
|---|--|-------|

Kaxxi relatati maċ-ċentru

| | | |
|---|--|------------------------------|
| 6 | Ċentru tan-negozjar | {MIC} |
| 7 | Isem qasir tal-istrument finanzjarju | {FISN} |
| 8 | Talba għal ammissjoni għan-negozjar mill-emittenti | “true” — Iva “false” — Le |

| N. | KAXXA | L-ISTANDARDS U L-FORMATI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦARR-RAPPURTAR |
|----|--|---|
| 9 | Data tal-approvazzjoni tal-ammissjoni għan-negozjar | {DATE_TIME_FORMAT} |
| 10 | Data tat-talba għall-ammissjoni għan-negozjar | {DATE_TIME_FORMAT} |
| 11 | Data tal-ammissjoni għan-negozjar jew id-data tal-ewwel tranżazzjoni | {DATE_TIME_FORMAT} |
| 12 | Data tat-terminazzjoni | {DATE_TIME_FORMAT} |

Kaxxi relatati man-nozzjonali

| | | |
|----|---------------------|------------------|
| 13 | Munita nozzjonali 1 | {CURRENCYCODE_3} |
|----|---------------------|------------------|

Kaxxi relatati ma' bonds jew forom oħra ta' dejn titolizzat

| | | |
|----|--|---|
| 14 | Ammont nominali totali maħruġ | {DECIMAL-18/5} |
| 15 | Data tal-maturità | {DATEFORMAT} |
| 16 | Munita tal-valur nominali | {CURRENCYCODE_3} |
| 17 | Valur nominali għal kull unità/valur negozjat minimu | {DECIMAL-18/5} |
| 18 | Rata fissa | {DECIMAL-11/10} Espress bħala perċentwal (pereżempju 7.0 tfisser 7 % u 0.3 tfisser 0,3 %) |
| 19 | Identifikatur tal-indiċi/punt ta' riferiment għal bonds b'rata varjabbl | {ISIN} |
| 20 | Isem tal-indiċi/punt ta' riferiment għal bonds b'rata varjabbl | {INDEX} Jew {ALPHANUM-25} — jekk l-isem tal-indiċi mhux inkluż fil-lista {INDEX} |
| 21 | Terminu tal-indiċi/punt ta' riferiment għal bonds b'rata varjabbl. | {INTEGER-3}+“DAYS” — jiem {INTEGER-3}+“WEEK” — ġimħat {INTEGER-3}+“MNSTH” — xhur {INTEGER-3}+“YEAR” — snin |
| 22 | Firxa tal-Punti Bażi tal-indiċi/punt ta' riferiment għal bond b'rata varjabbl. | {INTEGER-5} |
| 23 | Anzjanitā tal-bond | “SNDB” — Dejn Anzjan “MZZD” — Mezzanin “SNDB” — Dejn Subordinat “JUND” — Dejn “Junior” |

| N. | KAXXA | L-ISTANDARDS U L-FORMATI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RAPPURTAR |
|----|-------|--|
|----|-------|--|

Kaxxi relatati mad-Derivattivi u mad-Derivattivi Titolizzati

| | | |
|----|---------------------------------|---|
| 24 | Data ta' skadenza | {DATEFORMAT} |
| 25 | Multiplikatur tal-prezzijiet | {DECIMAL-18/17} |
| 26 | Kodiċi tal-strument sottostanti | {ISIN} |
| 27 | Emittent sottostanti | {LEI} |
| 28 | Isem tal-indiċi sottostanti | {INDEX} Jew {ALPHANUM-25} — jekk l-isem tal-indiċi mhux inkluż fil-lista {INDEX} |
| 29 | Terminu tal-indiċi sottostanti | {INTEGER-3}+“DAYS” — jiem {INTEGER-3}+“WEEK” — ġimgħat {INTEGER-3}+“MNTH” — xhur {INTEGER-3}+“YEAR” — snin |
| 30 | Tip ta' opzjoni | “PUTO” — Put “CALL” — Call “OTHR” — fejn ma jistax jiġi ddeterminat jekk huwiex “call” jew “put” |
| 31 | Il-prezz tal-eżerċitar | {DECIMAL-18/13} fil-każ li l-prezz jiġi espress bħala valur monetarju {DECIMAL-11/10} fil-każ li l-prezz jiġi espress bħala perċentwal jew redditu {DECIMAL-18/17} fil-każ li l-prezz jiġi espress bħala punti bażi “PNDG” fil-każ li ma jkunx disponibbli l-prezz |
| 32 | Munita tal-prezz tal-eżerċitar | {CURRENCYCODE_3} |
| 33 | Stil tal-eżerċizzju tal-opzjoni | “EURO” — Ewropew “AMER” — Amerikan “ASIA” — Ażjatiku “BERM” — Bermudan “OTHR” — Kull tip ieħor |
| 34 | Tip ta' konsenja | “PHYS” — Ħlas fiżiku “CASH” — Ħlas bi flus “OPTN” — Fakultattiva għal kontro-parti jew meta ddeterminata minn parti terza |

| N. | KAXXA | L-ISTANDARDS U L-FORMATI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RAPPURTAR |
|----|-------|--|
|----|-------|--|

Derivattivi ta' komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet

| | | |
|----|--------------------------|---|
| 35 | Prodott bażi | Biss valuri fil-kolonna tal-“Prodott bażi” tat-tabella tal-klassifikazzjoni tad-derivattivi tal-komoditajiet u l-kwoti tal-emissjonijiet huma permessi. |
| 36 | Prodott sekondarju | Biss valuri fil-kolonna tal-“Prodott sekondarju” tat-tabella tal-klassifikazzjoni tad-derivattivi tal-komoditajiet u l-kwoti tal-emissjonijiet huma permessi. |
| 37 | Prodott sekondarju ieħor | Biss valuri fil-kolonna tal-“Prodott sekondarju ieħor” tat-tabella tal-klassifikazzjoni tad-derivattivi tal-komoditajiet u l-kwoti tal-emissjonijiet huma permessi. |
| 38 | Tip ta' Tranżazzjoni | <p>“FUTR” — Futuri “OPTN” — Opzjonijiet “TAPO” — TAPOS “SWAP” — SWAPS “MINI” — Minis “OTCT” — Barra l-borża “ORIT” — Outright “CRCK” — Crack “DIFF” — Differenzjal “OTHR” — Oħrajn</p> |
| 39 | Tip ta' prezz finali | <p>“ARGM” — Argus/McCloskey “BLTC” — Baltiku “EXOF” — Exchange “GBCL” — GlobalCOAL “IHSM” — IHS McCloskey “PLAT” — Platts “OTHR” — Oħrajn</p> |

Derivattivi tar-rati tal-imgħax

- Il-kaxxi f'din it-taqsimha għandhom jiġu popolati biss għal strumenti li għandhom strument mhux finanzjarju tat-tip rati tal-imgħax bħala sottostanti.

| | | |
|----|--------------------|---|
| 40 | Rata ta' referenza | <p>{INDEX}</p> <p>Jew</p> <p>{ALPHANUM-25} — jekk ir-rata ta' referenza mhijiex inkluża fil-lista {INDEX}</p> |
|----|--------------------|---|

| N. | KAXXA | L-ISTANDARDS U L-FORMATI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GHARRAPPURTAR |
|----|--|---|
| 41 | It-terminu tal-kuntratt IR | {INTEGER-3}+“DAYS” — jiem {INTEGER-3}+“WEEK” — ġimgħat {INTEGER-3}+“MNTH” — xhur {INTEGER-3}+“YEAR” — snin |
| 42 | Munita nozzjonali 2 | {CURRENCYCODE_3} |
| 43 | Rata fissa tas-segment nru 1 | {DECIMAL -11/10} Espress bħala perċentwal (pereżempju 7,0 tfisser 7 % u 0,3 tfisser 0.3 %) |
| 44 | Rata fissa tas-segment nru 2 | {DECIMAL -11/10} Espress bħala perċentwal (pereżempju 7,0 tfisser 7 % u 0,3 tfisser 0.3 %) |
| 45 | Rata varjabbli tas-segment nru 2 | {INDEX} Jew {ALPHANUM-25} — jekk ir-rata ta' referenza mhijiex inkluża fil-lista {INDEX} |
| 46 | It-terminu tal-kuntratt IR tas-segment nru 2 | {INTEGER-3}+“DAYS” — jiem {INTEGER-3}+“WEEK” — ġimgħat {INTEGER-3}+“MNTH” — xhur {INTEGER-3}+“YEAR” — snin |

Derivattivi tar-rati tal-kambju

- Il-kaxxi f'din it-taqSIMA għandhom jiġu popolati biss għal strumenti li għandhom strument mhux finanzjarju tat-tip rati tal-kambju bħala sottostanti.

| | | |
|----|---------------------|---|
| 47 | Munita nozzjonali 2 | {CURRENCYCODE_3} |
| 48 | Tip FX | “FXCR” — FX Rati inkroċjati “FXEM” — FX Swieq emerġenti “FXMJ” — FX Ewlenin |